MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1318/2000/1

**Emanuel Bonello bhala Kontrollur ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL) u b'nota tat-13 ta' Frar, 203, Raymond Gatt bhala wiehed mill-partners ta' "Gatt, Galea & Co" assuma l-atti tal-kawza minflok il-Kontrollur precedenti Emanuel Bonello**

**vs**

**Robert Eminyan u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2001 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn Robert Eminyan fl-ismijiet ta' Emanuela Eminyan u Andrew sive Andy Eminyan u b'digriet tal-Qorti tat-8 ta' April, 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem iben Emanuela Eminyan, Andrew Eminyan, li mietet waqt il-mori tal-kawza**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Gunju, 2000, li in forza taghha, l-attur, wara li ppremetta:

1. Illi l-konvenut kellu "*overdraft account"* mal-attur li jgib in-numru ta' VC 2016;

2. Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur ghas-somma ta' tmint elef, mija u sitta u ghoxrin Lira Maltija u tnejn u tmenin cetnezmu u tminn millezmi (Lm8,126.82,8) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenut kif jirrizulta mill-*istatement* datat 26 ta' Dicembru, 1972, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

3. Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija, permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 1998, li qed tigi hawn annessa u mmarkata (Dok B), huwa baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur ghas-somma ta' tmint elef, mija u sitta u ghoxrin Lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu u tminn millezmi (Lm8,126.82,8);

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija u tiffissa zmien qasir u perentorju ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru, 2001, li in forza tieghu l-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn

Robert Eminyan fl-ismijiet ta’ Emanuela Eminyan u Andrew sive Andy Eminyan;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecceppew:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur noe stante li l-azzjoni hija preskritta a bazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur noe billi l-ebda ammont m’huwa dovut mill-konvenuti lill-attur noe kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza, l-attur, fil-kwalita’ tieghu ta’ Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL) qed jitlob minghand il-konvenut, u wara l-mewt tieghu, mill-eredi tieghu, ir-rifussjoni tas-somma ta’ Lm8,126.82,8 dovuti bhala bilanc fuq “*overdraft account”* li l-konvenut kellu mal-Bank. Bhala prova ta’ dan id-debitu, l-attur ippresenta dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut li fiha hu accetta li ghandu jaghti dik is-somma; dik l-iskrittura

ggib id-data tas-26 ta' Dicembru, 1972. Ma tezisti ebda indikazzjoni ohra dwar l-ezistenza ta' dan id-dejn, u lanqas kif u meta nholoq.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li dan l-allegat dejn, hu preskritt bil-passagg tat-terminu ta' hames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jiddisponi li l-azzjonijiet hemm imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin, u s-subartikolu (f) jindika:

*"(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Il-kreditu in kwistjoni ma jirrizultax minn att pubbliku, u kwindi l-preksrizzjoni hi, fil-fatt, dik ta' hames snin indikata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Issa, kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Aquilina vs Aquilina", deciza fl-14 ta' Marzu, 2002, ghal fini ta' preskrizzjoni, huwa z-zmien li fih kellu jsir il-hlas li jghodd u mhux id-data ta' meta s-self inholoq. F'dan il-kaz, la jirrizulta meta d-dejn inholoq u lanqas meta kellu jsir il-hlas. Li jirrizulta hu li, f'Dicembru tal-1972, il-konvenut irrikonoxxa u accetta l-ezistenza ta' dak id-dejn u din l-istqarrija, tal-anqas, serviet biex "qatlet" iz-zmien kollu li lahaq ghadda. Iz-zmien tal-preskrizzjoni, pero', rega' beda jghaddi wara dakinhar.

L-artikolu 1078 tal-Kodici Civili jiddisponi illi:

**"1078.** *Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin*:

(a) *jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta' somma ta' flus, dik ghandha tigi esgwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew, fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax;*

(b) *jekk l-obbligazzjoni jkollha bhala oggett taghha xi hag'ohra li ma tkunx somma ta' flus, iz-zmien li fih ghandha tigi esegwita l-obbligazzjoni jigi stabbilit mill-qorti, skond ic-cirkostanzi."*

La darba, f'dan il-kaz, ma jirrizultax meta l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, japplika, allura, dan l-artikolu, li jipprovdi zmien ghal esekuzzjoni ta' sentejn jew sitt snin, skond jekk il-hlas lura tal-flus kellux isir minghajr imghax jew bl-imghax. Peress li mhux probabbli li Bank kummercjal jislef flus bla imghax, izda, anzi, dejjem jinsisti fuq imghax, jekk mhux imghax komposti, l-obbligazzjoni in kwistjoni kellha tigi ezegwita, fl-ahjar ipotesi ghall-attur, f'Dicembru tal-1978. It-talba ghall-hlas kellha ssir, allura, sa mhux aktar tard minn Dicembru 1983, mentri f'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza infethet f'Gunju tas-sena 2000, hafna wara l-gheluq tat-terminu ta' preskrizzjoni impost bil-ligi.

L-attur jindika li hu interrompa l-preskrizzjoni b'Ittra Ufficjali spedita fit-23 ta' Lulju, 1998. Apparti l-fatt li din l-Ittra Ufficjali giet prezentata wara li t-terminu preskrittiv kien ga ghalaq, jirrizulta wkoll li din l-Ittra ma kinitx gietx notifikata lill-konvenut (ara verbal tal-attur registrat fl-udjenza tal-10 ta' April, 2003).

Ghalhekk, f'kull kaz, dik l-Ittra Ufficjali ma jistax ikollha l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Registratur tal-Kumpaniji vs Debono", deciza fit-12 ta' Ottubru, 1987, biex issehh interruzzjoni jehtieg mhux biss li l-Ittra Ufficjali tigi prezentata qabel ma jiskadi t-terminu preskrittiv, izda li dik l-Ittra tigi notifikata lid-debitur fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni (ara

artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili). Kwindi, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li t-terminu preskritt ghat-telf tad-dritt tal-azzjoni qatt gie validament interrott.

Kwindi, fid-dawl tal-premess, jirrizulta car, li l-azzjoni attrici hi milquta bil-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati, tiddisponi minn din il-kawza, billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara l-azzjoni attrici perenta u b'hekk tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------